ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 82/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 80/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: L-Erbgħa, 15 ta' Frar 2012**

**Ħin: Fid-9.00 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Il-Kav. Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Id-Deputat Sindku s-Sur Joe Bajada, il-Kunsillier is-Sur Harry Debono u ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn is-Sinjura Marija Saliba kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 80/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

Il-minuti tal-laqgħat bin-nru. 23/2011, 24/2012 u 25/2012 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

**MINUTI BIN-NRU. 24/2012**

Il-Kunsillier Camilleri rrefera għall-pġ 2 *item* 4 Korrispondenza - il-kisi ta' parti mit-Triq Daħlet ta' Merżuq u staqsa kif dan ix-xogħol tal-konkos qed jagħmlu l-kuntrattur tal-bankini?

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet il-kuntratt tal-bankini fih *items* li bihom setgħa jsir ix-xogħol tal-konkos. Qalet il-Kunsill għandu tlett kuntratti li fihom l-element tal-konkos u tal-bankini kienu l-irħas prezzijiet fosthom. Hija qalet il-Kumitat ma ħax ir-riskju li jagħmel sejħa għall-offerti għax kien hemm iċ-ċans li l-prezzijiet ma kienux ser jibqgħu l-istess.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mis-Soċjeta' Filarmonika Sta Marija dwar il-bankina tal-każin.

Stima tal-Inġiniera Galea Curmi Engineering tad-dwal li kien approvat li jsir fil-bankina tal-każin – stima ta' €5,830.22. Il-Kunsill approva l-istima u qabel li jagħmel sejħa għall-offerti għall-provvista tal-*light fittings*.
Intqal li l-materjal tal-bankina (il-madum) għandu jkun konformi mal-istima tal-Perit u li jkun hemm *value for money*.

**INAWGURAZZJONI TAL-UFFIĊINI TAL-KUNSILL**

Il-Kunsill qabel li t-Tnejn 5 ta' Marzu 2012 fis-6.45pm, dritt wara s-seduta, issir l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet li saru fl-Uffiċini tiegħu. Kien maqbul li ssir lapida ta' tifkira tal-irħam u din issir għand Fred Saliba. Il-Kunsill ftiehem li dak in-nhar stess jitħabbar ir-riżultat tal-kompetizzjoni tal-presepji waqt repo' li soltu jsir il-Kunsill.

Memo 09/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-twaħħil ta' tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fiz-zoni fejn hemm xi logħob għall-użu ta' tfal. Il-Kunsill approva li jwaħħal tabella ta' twissija fil-*playing field* taż-Żebbuġ.

Artiklu li deher fil-gazzetta Illum bit-titolu 'Mistoqsijiet ġodda dwar is-Sindku taż-Żebbuġ'. Is-Sindku qal li kien ser jirrispondi għal dan l-artiklu bl-avukata tal-

Kunsill. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet ser tirrispondi għall-mistoqsijiet li saru mill-Editur ta' Illum.

Ittra ta' Christian Cassar dwar *single yellow lines* fi Triq Sant' Indrija. Il-Kunsill ser japplika ma' Transport Malta biex isir *single yellow line* quddiem ir-residenza 'Miker' u minn fejn diġa sar il-barra sa kantuniera ma' Triq Ġoma.

## 7. IL-FINANCIAL STATEMENTS TAL-2011

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-Financial Statements għas-sena 2011. Sar il-qari tar-Rapport. Wara diversi mistoqsijiet u rimarki ta' kjarifika, il-Kunsill approva l-Financial Statements hekk kif preżentata.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Skeda nru 81/2012**

*Item* 12 – Il-Kunsillier Camilleri qal il-qtugħ tal-ħaxix u t-tindif tat-toroq kien ingħata lill-Kumitat tan-Nar u mhux lil Nicky Saliba personalment. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet ser tkellem lil Saliba dwar dan il-kont.

*Item* 30-33 – Il-Kunsillier Camilleri qal hu mhux qed japprova dawn il-kontijiet. Qal fil-fehma tiegħu, dawn il-kontijiet huma esaġerata u għandu dubju kemm ix-xogħol kien sar sewwa.
Il-Kunsillier Refalo qal hu ma jifhimx f' dan ix-xogħol.
Is-Sindku ma kkummentax dwar dawn il-kontijiet.
Il-Kunsill ftiehem li jitlob lill-Perit jikkjarifika dwar dawn il-kontijiet.

*Item* 35 – Il-Kunsilliera Camilleri u Refalo oġġezzjonaw għall-kont ta' Peter Paul Said. Qalu li l-kont huwa esaġerat.

Fl-10.30 ta' filgħodu, il-Kunsillier Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat u l-kworum intilef.

Is-Sindku aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Kav. Carmelo Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |